Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Mejju 2016

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex kull pajjiż jagħti ġieħ lill-mara u jgħożż il-kontribut essenzjali tagħha fis-soċjetà.**

## Ninġabar:

Insib post għall-kwiet, nagħlaq għajnejja u nisma' l-ħsejjes ta' madwari. Niftakar f'xi nisa li naf u nirrifletti fuq kif naħsibha dwar il-kontribut tagħhom fis-soċjetà.

## Fatt ċkejken:



Nargis hija mara ta' wieħed u erbgħin sena mill-Pakistan. Tirrakkonta dwarha nfisha...

Fi tfulitha għexet id-dar mal-ġenituri u t-tliet ħutha bniet. Hi kienet it-tieni waħda. Bħal ħutha ftit damet l-iskola għax il-ġenituri tagħha ma kellhomx biex iħallsulha l-iskola sekondarja. Meta tgħarrset bdiet taħdem biex tkun tista' tħallas id-dota. Fil-Pakistan, biex tiżżewweġ, mara trid ikollha biżżejjed biex tkun tista' tħallas id-dota.

Ta' sittax-il sena żżewwġet lill-kuġin tagħha Nabeel. Tliet snin wara tweldilhom tifel Samir. Samir twieled qabel iż-żmien u kellu xi komplikazzjonijiet sekondarji. Minħabba f'hekk Nabeel sewwed qalbu u, bla ma ħasibha darbtejn, telaq mid-dar u ma ġiex lura aktar. Iżżewweġ mara oħra u beda familja ġdida għalih. U l-familja tiegħu żammet miegħu.

Għalhekk Nargis reġgħet lura lejn il-familja tagħha. Fil-familja hi biss taħdem u ma tlaħħaqx mal-ħajja. Bħalma ġara fi tfulitha, issa jmiss lilha li ma tistax tħallas għall-edukazzjoni ta' binha.

## Naħseb ftit:

Min jaf kemm taqsam qalbha dik l-omm li, taħdem kemm taħdem, xorta waħda ma tistax tħallas l-edukazzjoni tat-tfal tagħha.

Għaliex nagħtu tant kas tal-ġid materjali? X'inhu l-aqwa: id-dota jew il-mara?

Xi' ngħidu għal dawk is-sitwazzjonijiet ta' xogħol fejn il-mara ma jkollhiex opportunitajiet daqs ir-raġel?

## Nitlob:

Mulej agħmel li kullimkien fid-dinja kulħadd japprezza l-valur tal-ugwaljanza bejn il-bnedmin u li kull raġel u mara jkollhom opportunitajiet indaqs fis-soċjetà.

## Kliem ta' dawl:

"Id-demokrazija mhix garanzija ta' ugwaljanza ta' kundizzjonijiet – tigganrantixxi biss l-ugwaljanza ta' opportunitajiet".

Irving Kristol

## X'nista' nagħmel:

Ta' kuljum niftakar f'xi mara li naf. Nirrifletti fuq il-kontribut tagħha fis-soċjetà. Huwa apprezzat? *Nara li nqis anke l-affarijiet l-aktar ordinarji bħal meta nanna tieħu ħsieb it-tfal waqt li l-ġenituri jkunu x-xogħol.*